**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE K.C., B.A., LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 3 ta' Lulju 2002**

**Numru 24**
**Citaz. Nru. 863/96 FDP**

**Cecilia Attard Pirotta u zewgha l-Perit Ivan Attard**

**Vs**

**Marianne Farrugia u b'digriet tat-2 ta' Gunju 1998 giet kjamata fil-kawza s-socjeta` Untours Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi fil-5 ta' Ottubru 1995, f'xil-5:00 p.m. f'Imriehel By Pass, Qormi, il-konvenuta waqt li kienet qed issuq il-vettura numru ta' registrazzjoni I-9019 tal-marka Suzuki, bi traskuragni, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, habtet mal-vettura numru ta' registrazzjoni G-2514, tal-marka Seat Ibiza, di proprieta` ta' l-atturi;

Premess illi b'konsegwenza ta' tali kollizzjoni li grat b'tort esklussiv tal-konvenuta, l-atturi soffrew danni ingenti, kompriz it-*towing* tal-vettura taghhom, id-*depreciation* fl-istess vettura stante li din kienet gdida u kien ilha fit-triq ghal cirka xahar biss, kif ukoll *loss of use*, u ghal liema danni hija responsabbli lejn l-atturi l-konvenuta kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Premess illi l-konvenuta ammettiet ir-responsabilita` dwar l-incident awtomobilistiku fuq imsemmi u l-atturi thallsu ghat-tiswija tal-hsarat, minnhom sofferti fil-vettura taghhom minghand l-assigurazzjoni;

Premess illi pero` l-konvenuta rrifjutat li thallas lill-atturi d-danni naxxenti u minnhom sofferti minhabba t-*towing* tal-vettura, id-*depreciation* fl-istess vettura, kif ukoll il-*loss of use*;

Premess illi fil-fatt nonostante li giet interpellata mill-attur permezz ta' ittra legali datata 16 ta' Novembru 1995, Dok. "A", biex

taddivjeni ghal-likwidazzjoni u konsegwenti hlas tad-danni minnha kkagonati lill-atturi, limitatament fis-sens premess, il-konvenuta baqghet inadempjenti;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex ghar-ragunijiet premessi u previa okkorrendo dikjarazzjoni illi l-konvenuta hija unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fil-5 ta' Ottubru 1995, f'xil-5:00 p.m. f'Imriehel By Pass, Qormi, meta waqt li l-konvenuta kienet qed issuq l-vettura numru ta' registrazzjoni I-9019, bi traskuragni, negligenza u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku, habtet mal-vettura numru ta' registrazzjoni G-2514, di proprjeta` ta' l-atturi:-

1. Tiddikjara l-konvenuta responsabbli lejn l-atturi ghad-danni naxxenti u minnhom sofferti minhabba t-*towing* tal-vettura ta' l-atturi, id-*depreciation* ta' l-istess vettura stante li din kienet gdida u kien ilha fit-triq ghal cirka xahar biss, kif ukoll il-*loss of use*, sofferti mill-atturi kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Tillikwida tali danni okkorrendo permezz ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata ai termini tat-tieni domanda ta' din ic-citazzjoni;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sa l-effettiv pagament kontra l-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi u l-lista tax-xhieda minnhom indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta illi fiha hija eccepiet:-

Illi l-atturi gja thallsu ghad-danni sofferti fil-kollizjoni in kwistjoni bl-assigurazzjoni taghha u cioe` Untours Limited u ghalhekk it-talbiet attrici kellhom jigu michuda bl-ispejjez;

Illi minghajr pregudizzju ghal premess, kellha tigi kjamata fil-kawza is-socjeta` Untours Ltd. is-socjeta` assiguratrici ta' l-eccipjenti li hija s-socjeta` responsabbli biex thallas id-danni sofferti mill-eccipjenti taht il-polza ta' l-assigurazzjoni;

Ghamlet ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat id-digriet taghha moghti fl-Udjenza tat-2 ta' Gunju 1998 li permezz tieghu giet kjamata fil-kawza l-kumpanija Untours Limited;

Rat illi l-istess socjeta` baqghet ma pprezentatx in-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha ghalkemm debitament notifikata;

Semghet lix-xhieda prodotti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi din il-kawza segwit kollizjoni li grat fil-5 ta' Ottubru 1995 fl-Imriehel ByPass, Hal Qormi bejn karozza misjuqa mill-attrici bin-numru ta' registrazzjoni G-2514 u ohra tal-marka Suzuki bin-numru ta' registrazzjoni I-9019 misjuqa mill-konvenuta;

Illi rrizulta li ma kienx hemm kontestazzjoni li l-istess incident gara tort tal-konvenuta; dan jidher konfortat mix-xhieda kollha prodotti u jidher ukoll li s-socjeta` imsejha fil-kawza, li baqghet f'din il-kawza kontumaci, accettat ir-responsabilta` ta' l-istess *claim* u fil-fatt skond ma jidher mid-dokument a fol 34 tal-process l-istess socjeta` kitbet lis-socjeta` assiguratrici ta' l-attrici fejn qaltilha "*regarding this claim we accept liability, please send bills*";

Illi ghalhekk jidher pacifiku li l-konvenuta kienet responsabbli ghall-incident u s-socjeta` imsejha fil-kawza assumiet illi thallas ghad-danni konsegwenzjali stante li fi kliem l-istess konvenuta din is-socjeta` kienet qed tassigura lill-istess konvenuta ghall-incidenti li jista' jkollha bil-karozza in kwistjoni;

Illi rrizulta wkoll illi l-hsarat konsiderevoli li garrbet il-karozza tal-konvenuta gew imsewwija u l-kontijiet relattivi mhallsa mis-socjeta` imsejha fil-kawza;

Illi din il-kwistjoni baqghet limitata ghat-talba ta' l-attrici illi tircievi wkoll kumpens talli l-karozza giet irmonkata fl-istat li kienet wara l-habta, talli fil-perjodu li saret it-tiswija kienet kostretta tikri karozza ohra, u anki dwar ammont ta' deprezzament li l-attrici qed tikkontendi li l-karozza taghha sofriet bhala konsegwenza tal-kollizjoni;

Illi dwar il-kwistjoni tat-*towing* gie esebit dokument a fol 9 u 10 tal-process illi minnu jidher li l-attrici hallset ghall-irmonk tal-vettura u l-Qorti ma tarax li hemm xi diffikulta dwar dan il-pagament;

Illi dwar kiri ta' karozza, il-Qorti tifhem li l-hsarat li kien hemm fil-karozza kienu estensivi u l-attrici rnexxielha tipprova li ma kellha ebda tort fid-dewmien li hadet fit-tiswija anki meta tifhem illi hsara ta' dik l-entita` ma tistax tigi identifikata kollha f'daqqa u hafna drabi jigri li waqt li tkun ghaddej bix-xoghol issib li jkun hemm xi parti ohra li giet milquta u ghanda tinbidel;

Illi l-ammont mitlub mill-attrici, talli kienet kostretta tikri karozza fil-perjodu tat-tiswija, huwa ta' Lm339.25 u dan ikopri perjodu ta' disgha u hamsin (59) gurnata u ghalhekk jidher li l-ammont ta' Lm50 li l-assigurazzjoni taghha kienet hallistha skond ma jidher mid-dokument minnha

stess esebit, kien ikopri l-perjodu inizjali bejn id-data tal-habta u t-22 ta' Ottubru 1995;

Illi ma jistax jinghad illi l-karozza ta' l-attrici kienet xi karozza partikolari imma l-mudell relattiv huwa wiehed normali u pjuttost popolari u d-dewmien fil-provista tal-*parts* rikjesti jidher fic-cirkostanzi gustifikat;

Illi l-ahhar punt li dwaru hemm kontestazzjoni bejn il-kontendenti huwa dak li jirrigwarda d-deprezzament tal-vettura;

Illi rrizulta li l-vettura Ibiza, l-attrici xtratha fil-5 ta' Settembru 1995 izda jidher li harget fuq it-triq fit-13 ta' Settembru u dan skond ma jidher mill-polza ta' l-assigurazzjoni; l-incident gara fil-5 ta' Ottubru jigifieri tnejn u ghoxrin (22) gurnata biss wara li l-karozza kienet tpoggiet ghall-ewwel darba fuq it-triq;

Illi l-attrici ressqet lil Joseph Buttigieg li huwa s-*surveyor* li gie imsejjah biex jispezzjona l-karozza qabel it-tiswija u fix-xhieda tieghu dana kkonferma li l-hsarat kienu estensivi u spjega li l-entita` taghhom kienet, biex nghidu hekk, timponi fuq l-attrici li tghid lil kull eventwali kompratur li l-karozza kienet sofriet danni qawwija; dana qed jinghad peress illi oltre dan l-hekk imsejjah obbligu ta' l-eventwali venditrici li tispjega id-difett, il-hsara estensiva certament ma setghetx tisfuggi lill-bejjiegh normali;

Illi l-Qorti tat hafna piz lid-dokument ipprezentat mill-imsemmi Joseph Buttigieg hamest

ijiem wara l-incident; rapporti simili facilment jaghtu impressjoni ta' hafna hsarat meta dawn ikunu ta' entita` relattiva izda jirrikjedu li jkun hemm sostituzzjoni ta' diversi *parts*. Illi pero` il-Qorti mill-ezami ta' l-istess rapport, hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi hemm indikat "*cowl buckled, road wheel, suspension, steering shaft and wishbone bent*"; tali hsarat fl-i*steering* shaft u fil-*wishbone* jindikaw li d-daqqa kienet qawwija hafna u jispjegaw kliem iehor espressi fl-istess rapport meta jghidlek "*Crank chassis badly buckled*". Huwa notorju li f'incidenti simili illi una volta jkollok is-*suspension* milquta b'mod illi anke l-*wishbone* tkun sofriet danni konsiderevoli dana jindika li c-*chassis* kollu kemm hu tghawwec u dan jimporta hafna xoghol biex il-*parts* kollha li jkunu qed jigu sostitwiti jitpoggew f'posthom u jigu alleneati korrettement, u peress dawn huma qishom, kif jinghad, *jig-saw puzzle*, jekk ikollok caqliqa f'parti minnhom dina tinhass u jkollha tigi kompensata fil-parti li tmiss maghha, u fil-karozzi tallum li huma tat-tip "*mono-construction*" certament una volta ticcaqlaq parti sostanzjali mill-istruttura dina ggib maghha caqliq f'diversi partijiet ohra;

Illi dana gie ukoll konfermat mill-fatt illi l-*windscreen* ghall-ewwel deher li kien tajjeb u in fatti lanqas gie mnizzel mal-hsarat li inizjalment gew kkostatati, pero` gara illi ftit tal-gimghat wara dana xxaqqaq u fil-fatt l-assigurazzjoni hallset ghas-sostituzzjoni tieghu. Dana qed jinghad peress li huwa aktar probabbli illi l-*windscreen* inqasam ghaliex il-*frame* li mieghu huwa jigi inkollat tilef l-*alignment* b'mod minimu tant illi lanqas is-*surveyor* ma rah, imma maz-zmien dik

id-differenza fl-allineament geghlet lill-hgiega titkisser; il-Qorti mhix ser toqghod tikkummenta dwar it-telf ta' l-ilma peress illi l-possibilita` hija li dan id-difett ma jigix sodisfacentement rimedjat;

Illi ghalkemm huwa veru li l-attrici hadet il-karozza ghat-tiswija fejn dehrilha hi, ma huwiex eskluz il-possibilita li forsi kieku saret positijiet ohra kienu jkunu aktar attrezzati biex dan l-*alignment* jaghmluh aktar professjonalment, il-Qorti tifhem pero` li l-entita` tad-danni fiha innifisha u anke kieku r-riparazzjoni saret ghand l-aqwa hanut possibbli, certament ma tistax taqbel mas-sottomissjoni tal-konvenuta illi una volta inbiddlu kollha il-*parts* ma' ohrajn godda allura l-karozza giet kif kienet qabel; il-*parts* il-godda jigu wweldjati u mhux ibboltjati mal-*frame* - dana ifisser li bil-*welding* dejjem ikun hemm xi moviment jew caqliq fil-hadid innifsu;

Illi dwar l-i*spray painting*, veru li llum hawn Malta hawn min jaghmel ix-xoghol billi jdahhlu fil-forn pero` din iz-zebgha certament ma tista qatt tkun ekwivalenti u anqas simili ghal dik tal-fabbrika li tkun zebghet il-karozza f'diversi stadji u certament qabel ma tkun ghadha tpoggiet it-tapezzerija u accessorji ohra u ghalhekk il-grad tas-shana li jigu applikati fil-fabbriki qabel il-karozza tigi kompletata huwa ovvjament ferm superjuri ghal dak li wiehed jista' jaghmel f'parti biss tal-karozza u fil-fran li huma disponibbli ghax-xoghol;

Illi saret ukoll referenza mill-attrici ghall-possibilita li l-karozza messha giet konsiderata

bhala *total wreck* u minflok thallas somma ghar-risarciment tad-danni; dana seta' kien pass prattiku hafna pero` il-Qorti tifhem li soluzzjoni bhal din messha giet suggerita mill-assigurazzjoni illi ghandha ferm aktar esperjenza f'kazi simili milli ghandha l-attrici li wara kollox kull ma riedet kien li terga titpogga fil-posizzjoni antecidenti ghall-habta;

Illi dwar il-kwistjoni tad-deprezzament il-Qorti ghal kull buon fini tiddikjara li taqbel mal-kontenut tas-sentenza Zammit Pace vs Bugeja citata fin-noti u fejn intqal "*wara daqqa sostanzjali (il-karozza) ma tibqax li kienet anki wara t-tiswija*";

Illi l-Qorti kellha tidhol f'dawn il-konsiderazzjonijiet teknici u wara li l-partijiet fil-Verbal ta' l-Udjenza tas-26 ta' April 2002 qablu li "*f'kaz li l-Qorti ssib li hemm deprezzament fil-vettura de quo, il-partijiet jawtorizzawha tillikwida l-istess deprezzament arbitrio boni viri*";

Illi ghalhekk jidher illi ma hemmx dubju li t-tiswija li saret fil-karozza u bl-ispejjez illi thallsu mis-socjeta` imsejha fil-kawza ma kienx hemm *restitutio integro* illi wiehed jistenna favur min ikun, intortament sofra danni kagunati tort ta' haddiehor. Il-Qorti hasbet fit-tul dwar x'ghandu jkun l-ammont ekkwu biex l-attrici tigi kkompensata ghad-deprezzament li sofriet fil-karozza taghha u f'dawn il-konsiderazzjonijiet rat ukoll li meta karozza tohrog fit-triq anki jekk tkun ilha ftit granet bhal dik ta' l-attrici tkun tilfet ammont ragonevoli mill-valur taghha kieku

kellha tigi biex tbieghha anki xahar wara li nharget fit-triq; dejjem tibqa' karozza sekondo man u allura l-Qorti ma hiex ser tibda mill-prezz inizjali ta' Lm5565 imhallas mill-attrici ghal karozza imma minn ammont inqas, u tikkalkola l-percentwal li l-karozza sofriet bhala konsegwenza tad-daqqa fl-ammont ta' bejn wiehed u iehor hamsa u ghoxrin fil-mija (25%), u ghalhekk sejra tiddeciedi li s-somma li ghandha tircievi taht dan il-kap mill-kumpanija assiguratrici hija ta' Lm1250. Jigi rilevat li ma hemmx dubju li l-imsemmija socjeta` assumiet ir-responsabilita ta' l-assigurata taghha (skond l-ittra fuq imsemmija) u ghalhekk kull responsabilita ulterjuri ghandha tigi minnha sopportata.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Wara li tikkonferma l-accettazzjoni ta' responsabilita da parti tal-konvenuta mis-socjeta` imsejha fil-kawza;

Tilqa' l-ewwel domanda kif dedotta fic-citazzjoni;

Tilqa t-Tieni Domanda u tillikwida d-danni sofferti mill-attrici kwantu ghal ghaxar liri Maltin (Lm10) ghall-irmonk tal-karozza, tliet mija u disgha u tletin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm339.25) ghall-kiri ta' karozza ohra waqt ix-xoghol tat-tiswija, u elf mitejn u hamsin lira Maltin (Lm1250) ghad-deprezzament soffert fil-valur tal-karozza bhala konsegwenza ta' l-incident;

Tilqa' it-Tielet Domanda u tikkundanna lis-socjeta` assiguratrici Untours Limited thallas lill-attrici s-somma ta' elf hames mija u disgha u disghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1599.25), bl-imghax mis-26 ta' Gunju 1998, data meta l-istess socjeta` giet notifikata bil-kjamar fil-kawza taghha, waqt li tillibera lill-konvenuta Marianne Farrugia mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez jithallsu mis-socjeta` imsejha fil-kawza Untours Limited.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur